**MALTA**
**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Maġistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 1/2024**

**Fl-Atti tal-Mandat Kawtelatorju Nru. 3276/2011 fl-ismijiet:**

**Allcare Insurance Brokers Limited**

**Vs**

**Joseph Vella**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat minn Joseph Vella fit-3 ta' Jannar 2024 permezz ta' liema jitlob li l-Qorti tiddikjara u tiddeċiedi li: (1) is-soċjetà Allcare Insurance Brokers Limited ma ħadet l-ebda azzjoni ulterjuri wara t-trapass ta' iktar minn għoxrin (20) jum mill-preżentata tal-Mandat Kawtelatorju fl-ismijiet "Allcare Insurance Brokers Limited v. Joseph Vella" bin-Numru 3276/2011; (ii) l-effetti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju msemmi huma terminati skond l-Artikoli 843(2) u 849 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta; (iii) l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju in kwistjoni huwa revokat a tenur ta' l-Artikolu 836(1)(a) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta; (iv) tillikwida d-danni u l-imgħaxijiet sofferti mir-Rikorrent permezz tal-ħruġ tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju kontra tiegħu; (v) tordna li s-soċjetà intimata tħallas tali danni hekk likwidati a favur tiegħu;

Rat id-dokument markat Dok. "A" anness mar-Rikors promotur a fol. 3 sa' 6 tal-proċess;

Rat in-Nota tar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali ppreżentata fl-14 ta' Mejju 2024, permezz ta' liema għarraf lill-Qorti li *għalkemm saru diversi tfittxijiet fl-arkivju, l-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi u li ġġib in-numru 4219/2011 ai termini ta' l-Art. 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, ma tistax tiġi rintraċċata. Minn riċerka fis-sistema diġitali tal-Qorti jirriżulta li s-Sur Joseph Vella kien ġie notifikat b'din l-ittra fil-11 ta' Novembru 2011 u danskond kif jidher minn Dok. MS anness. Qed jiġi anness ukoll Dok. MS1 li juri li oltre l-ittra uffiċjali u r-rikors odjern, ġiet ippreżentata Ċedola ta' Depożitu li ġġib in-numru 3932/23 u li kopja tagħha qed tiġi wkoll annessa bħala Dok. MS2;*

Rat ir-Risposta tas-soċjetà intimata ppreżentata fl-4 ta' Ġunju 2024, permezz ta' liema topponi għat-talba tar-Rikorrent u titlob li l-istess tiġi miċħuda, bl-ispejjeż kontra tiegħu, stante li: (i) it-talba tar-Rikorrent hija rritwali billi ġiet ippreżentata ai termini ta' l-Artikolu 836(1)(a) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta peress illi skond l-istess Rikorrent tali talba qed issir għaliex l-att kawtelatorju ma għadux iktar fis-seħħ; (ii) ir-Rikorrent ġie notifikat bl-Ittra Uffiċjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta

bin-Nurmu 4219/2011 fil-11 ta' Novembru 2011 u din l-Ittra Uffiċjali ma ġietx ikkontestata minnu fi żmien tletin ġurnata min-notifika, hekk kif titlob il-Liġi. L-uniku att li daħal fl-atti fl-ismijiet premessi kienet iċ-Ċedola ta' Depożitu bin-Numru 3932/2023 ippreżentata fit-23 ta' Diċembru 2023, aktar minn tnax-il sena wara; (iii) l-Ittra Uffiċjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta bin-Numru 4219/2011 ġiet tikkostitwixxi titolu eżekuttiv ai termini ta' l-Artikolu 253(a) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 3276/2011, li ġie ntavolat kontestwalment ma' l-Ittra Uffiċjali ai termini ta' l-Artikolu 833A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, ġie konvertit f'wieħed eżekuttiv ai termini ta' l-Artikolu 274 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta; (iv) l-estremi sabiex Mandat Kawtelatorju jiġi revokat ai termini ta' l-Artikolu 836(1)(a) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, ma jissussistux fil-każ in eżami; (v) it-talba tar-Rikorrent hija rritwali ai termini ta' l-Artikolu 276 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, stante li r-Rikorrent effettivament qed jipprova jostakola l-esekuzzjoni ta' Mandat maħruġ fil-konfront tiegħu. Se mai huwa kellu jitlob ir-revoka tal-Mandat ai termini ta' l-Artikolu 281 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta u lanqas ma talab ir-rexxissjoni u n-nullità ta' l-Ittra Uffiċjali ai termini ta' l-Artikolu 166A(5) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta; (vi) la l-Mandat ta' Sekwestru maħruġ fil-konfront tar-Rikorrent ġie konvertit f'wieħed eżekuttiv, id-disposizzjoni ta' l-Artikoli 836, 843 u 849 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta ma jsibux applikazzjoni fil-każ in eżami u għaldaqstant it-talba għad-danni u imgħaxijiet ma tistax tiġi milqugħa, u fi kwalunkwe każ ir-Rikorrent ma ressaq ebda prova dwar x'huma d-danni li huwa jippretendi li sofra;

Semgħet ix-xhieda ta' Marvic Spiteri, Assistent Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali, mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Lulju 2024 u rat id-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "MS1" u Dok. "MS2";

Rat li in segwitu għax-xhieda ta' Marvic Spiteri r-Rikors ġie differit għad-Digriet;

Rat l-atti kollha tal-proċeduri;

**Ikkunsidrat:**

Mill-atti proċesswali u mix-xhieda ta' Marvic Spiteri, Assistent Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali, mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Lulju 2024, jirriżulta li f'Novembru 2011 is-soċjetà intimata interpellat lir-Rikorrent għall-ħlas permezz ta' Ittra Uffiċjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, liema ittra ġġib in-Numru 4219/2011. Kontestwalment ma' l-Ittra Uffiċjali s-soċjetà intimata talbet u ottjeniet il-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 3276/2011.

Dan is-soċjetà intimata setgħet tagħmlu ai termini ta' l-Artikolu 833A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta illi jipprovdi li: *Meta tiġi preżentata u konfermata bil-ġurament ittra uffiċjali skont l-artikolu 166A, jistgħu minnufih wara jiġu preżentati u konfermati bil-ġurament il-mandati kawtelatorji msemmijin fl-artikolu 830(1)(a),(b) u (d): Iżda meta tiġi preżentata dik l-ittra uffiċjali, ir-rikorrent għandu jippreżenta rikors ġuramentat jew rikors jew talba, skond il-każ, fi żmien għoxrin ġurnata mid-data tal-preżentata ta' nota ta' kontestazzjoni sħiħa jew parzjali jew inkella fi żmien sittin ġurnata mid-data tal-ħruġ ta' mandat, jekk ma jkunx hemm nota ta' kontestazzjoni, skond liema data tiġi l-ewwel: Iżda wkoll ma jkun hemm l-ebda ħtieġa ta' rikors ġuramentat jew rikors jew talba, skond il-każ, f'każ li l-mandat kawtelatorju jiġi ikkonvertit f'wieħed eżekuttiv jew jiġi mneħħi permezz ta' kontro-mandat.*

Huwa dan il-provvediment tal-Liġi, b'mod partikolari ż-żewġ *provisos* ta' l-istess, u mhux l-Artikolu 849 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta invokat mir-Rikorrent fir-Rikors tiegħu, li huwa pertinenti u rilevanti għall-każ in eżami.

Mill-*provisos* ta' l-Artikolu 833A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta huwa evidenti li kreditur ma jistax jinterpella lid-debitur tiegħu permezz ta' Ittra Uffiċjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta u jottjeni l-ħruġ ta' Mandat Kawtelatorju fil-konfront tad-debitur, u jħalli s-sitwazzjoni hekk *ad inifinitum* mingħajr ma jgħaddi għall-kanonizzazzjoni tal-kreditu tiegħu entro t-termini prefissi fil-Liġi. Din hija l-unika interpretazzjoni li tista' tingħata lil dawn il-provvedimenti tal-Liġi in omaġġ għall-prinċipju ġuridiku ormai assodat illi *mandat kawtelatorju maħruġ ai termini ta' l-Artikolu 833A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, bħal kull mandat kawtelatorju ieħor għandu validità u ħajja,* ***sakemm u biex il-kreditur ikollu opportunità li jikkontretizza l-kreditu tiegħu f'titolu eżekuttiv … u jippermetti jesegwixxi kreditu li b'hekk ma jkollux bżonn ta' aktar kawtela***[1].

Mix-xhieda ta' Marvic Spiteri, Assistent Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali, jirriżulta li għalkemm l-Ittra Uffiċjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta bin-Numru 4219/2011 ġiet notifikata lir-Rikorrent fil-11 ta' Novembru 2011 u l-istess Rikorrent ma jidhirx li ppreżenta Nota ta' Kontestazzjoni għall-istess, l-Ittra Uffiċjali in kwistjoni ma jirriżultax li ġiet reża eżekuttiva ai termini ta' l-Artikolu 166B tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Mandat ta' Sekwestru Kawtealtorju bin-Numru 3276/2011, kuntrarjament għal dak pretiż u allegat mis-soċjetà intimata, ma jirriżultax li ġie reż eżekuttiv.

Ai termini ta' l-Artikolu 166A(4) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta: *Meta d-debitur ma jopponix it-talba, fi żmien tletin jum minn notifika tagħha lid-debitur, jew meta d-debitur jopponi biss it-talba f'parti minnha fiż-żmien hawn qabel imsemmi, l-ittra uffiċjali għandha għar-rigward tat-talba hekk mhux opposta, jew dik il-parti fiha hekk mhux opposta, tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv bħallikieku dik l-ittra uffiċjali kienet inkluża fl-artikolu 253(a).* Dan il-provvediment tal-Liġi però jrid jinqara flimkien ma' dak provdut fl-Artikolu 166B tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta: *(1) Ittra uffiċjali maħruġa skond l-artikolu 166A* ***ma tkunx tikkostitwixxi titolu eżekuttiv sakemm ma tkunx ġiet reġistrata skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu li għandhom japplikaw għar-reġistrazzjoni ta' dawk l-ittri uffiċjali bħala titoli eżekuttivi***[2]*. (2) L-applikant għar-reġistrazzjoni ta' ittra uffiċjali li tkun tikkwalifika bħala titolu eżekuttiv għandu jippreżenta lir-Reġistratur tal-Qorti kopja legali ta' l-ittra uffiċjali, inkluża l-prova tan-notifika u kopja ta' kull risposta li tkun ġiet riċevuta għaliha, jekk ikun hemm. (3) Meta jirċievi d-dokumenti imsemmija fis-subartikkolu (2) ir-Reġistratur għandu jeżamina d-dokumenti ippreżentati, jivverifika jekk id-debitur ippreżentax nota ta' tweġiba fiż-żmien stipulat u jekk huwa jkun sodisfatt illi l-kondizzjonijiet għar-reġistrazzjoni ta' l-ittra uffiċjali bħala titolu eżekuttiv jkunu jissussistu, huwa għandu jipproċedi biex jirreġistra d-dokumenti ppreżentati f'reġistru li jissejjaħ ir-Reġistru ta' Ittri Uffiċjali bħala Titoli Eżekuttivi li għandu jinżamm mir-Reġistratur għall-iskopijiet ta' l-artikolu 166A.*

---

[1] Rikors bin-Numru 140/11 fl-atti tal-Mandat ta' Qbid bin-Numru 2978/2010 fl-ismijiet Richard Cranston v. Kenneth William Donaldson, degretat fit-18 ta' Lulju 2011 u Carmela Aquilina v. Francis X. Aquilina, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Novembru 1991. Enfasi tal-Qorti.
[2] Enfasi tal-Qorti.

Minn dawn il-provvedimenti tal-Liġi joħroġ ċar għalhekk li sakemm u kemm-il darba l-proċedura prevista fl-Artikolu 166B tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta ma tiġix segwita mill-kreditur, is-soċjetà intimata fil-każ in eżami, dak il-kreditur ma jistax jippretendi li għandu titolu eżekuttiv fil-konfront tad-debitur. Minn din l-osservazzjoni joħroġ il-kweżit dwar jekk il-kreditur jistax jgħaddi għar-reġistrazzjoni ta' l-Ittra Uffiċjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, debitament notifikata lid-debitur u mhux minnu kontestata, skond kif provdut fl-Artikolu 166B tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, meta jrid u addirittura possibilment snin twal wara n-notifika tad-debitur u nuqqas ta' kontestazzjoni da parte tiegħu, u fil-frattemp, ikun kemm ikun twil tali perijodu ta' żmien, il-Mandat Kawtelatorju maħruġ fil-konfront tad-debitur jibqa' in vigore?

Ir-risposta għal dan il-kweżit tinsab fiż-żewġ *provisos* ta' l-Artikolu 833A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta li, jiġi ribadit, jipprovdu li: *Iżda meta tiġi preżentata dik l-ittra uffiċjali, ir-rikorrent għandu jippreżenta rikors ġuramentat jew rikors jew talba, skond il-każ, fi żmien għoxrin ġurnata mid-data tal-preżentata ta' nota ta' kontestazzjoni sħiħa jew parzjali jew inkella* ***fi żmien sittin ġurnata mid-data tal-ħruġ ta' mandat, jekk ma jkunx hemm nota ta' kontestazzjoni, skond liema data tiġi l-ewwel: Iżda wkoll ma jkun hemm l-ebda ħtieġa ta' rikors ġuramentat jew rikors jew talba, skond il-każ, f'każ li l-mandat kawtelatorju jiġi kkonvertit f'wieħed eżekuttiv jew jiġi mneħħi permezz ta' kontro-mandat***[3].

Fil-fehma tal-Qorti, ai termini ta' dawn il-provvedimenti tal-Liġi, f'każ li d-debitur ma jippreżentax Nota ta' Kontestazzjoni għall-Ittra Uffiċjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-kreditur għandu fi żmien sittin ġurnata mid-data tal-ħruġ tal-Mandat Kawtelatorju, jew (i) jesegwixxi l-proċedura prevista fl-Artikolu 166B tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta u b'hekk jirrendi l-Ittra Uffiċjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta titolu eżekuttiv u imbagħad jgħaddi biex jirrendi l-Mandat Kawtelatorju eżekuttiv ai termini tal-proċedura prevista fl-Artikolu 838B(1)(2)(a) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta; jew (ii) jippreżenta proċeduri opportuni quddiem il-Qorti kompetenti, fil-każ in eżami Rikors quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta)[4], għall-kanonizzazzjoni tal-kreditu tiegħu fil-konfront tad-debitur. Jekk il-kreditur ma jagħmel l-ebda wieħed minn dawn iż-żewġ passi, wara it-trapass ta' sittin ġurnata mid-data tal-ħruġ tal-Mandat Kawtelatorju, dak l-istess Mandat ma jibqax fis-seħħ.

Fil-każ in eżami għalhekk, una volta li r-Rikorrent kien debitament notifikat bl-Ittra Uffiċjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta bin-Numru 4219/2011 u ma kkontestax dik l-istess Ittra, is-soċjetà intimata kellha żmien massimu ta' sittin ġurnata mid-data tal-ħruġ tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 3276/2011 entro liema tirrendi t-titolu u Mandat ottenuti a favur tagħha eżekuttivi ai termini tal-Liġi, jew fin-nuqqas li tagħmel hekk tistitwixxi l-proċeduri ġudizzjarji opportuni. La dan l-imsemmija soċjetà ma għamlitux, ma tistax tippretendi li għandha titolu eżekuttiv fil-konfront tar-Rikorrent u li l-Mandat ta' Sekwestru in kwistjoni llum huwa Mandat Eżekuttiv. Konsegwentement ma tistax tippretendi li l-proċeduri odjerni huma rriti u nulli għaliex skontha kellhom jiġu istitwiti ai termini ta' l-Artikolu 281 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux ai termini ta' l-Artikolu 836(1)(a) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta. La l-Mandat in kwistjoni huwa Mandat Kawtelatorju, ir-Rikorrent

---

[3] Enfasi tal-Qorti.
[4] Il-kompetenza tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar żdiedet għal €5,000 bl-Att IV ta' l-2016, ossia wara ż-żmien rilevanti għal dawn il-proċeduri.

korrettament istitwixxa t-talba tiegħu ai termini ta' provvediment fl-Artikolu 836 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għal kull buon fini l-Qorti tosserva li fil-każ in eżami rriżulta li l-oriġinal ta' l-Ittra Uffiċjali in kwistjoni ma nstabx fir-Reġistru tal-Qorti u l-Assistent Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali xehdet a bażi ta' l-informazzjoni li tinsab fis-sistema diġitali tal-Qorti. F'tali ċirkostanzi wieħed jista' possibilment jipprova jarġumenta li ma hemmx l-aqwa prova dwar il-fatt li l-Ittra Uffiċjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta bin-Numru 4219/2011 ma ġietx reża eżekuttiva mis-soċjetà intimata, madanakollu però s-sitwazzjoni fir-rigward tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 3276/2011 ftit li xejn tinbidel.

Anke jekk għall-grazzja ta' l-argument kellu jitqies li l-Ittra Uffiċjali in kwistjoni setgħet ġiet reża eżekuttiva - ħaġa li jiġi ribadit in verità ma tirriżultax - il-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 3276/2011 ma setgħax jibqa' in vigore għaliex l-Artikolu 838B(1) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta tassativament jipprovdi li: *Sakemm ma jiġix imħassar mill-Qorti jew irtirat mill-parti li toħroġ il-mandat, kull mandat kawtelatorju għandu jibqa' fis-seħħ sa' ħmistax-il ġurnata wara li l-kawża tgħaddi f'ġudikat.* Biex il-Mandat ma jaqax, il-kreditur ikollu jgħaddi għall-proċedura prevista fl-Artikolu 838B(2) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta biex il-Mandat Kawtelatorju jiżi reż eżekuttiv jew fin-nuqqas, jintalab u jinħareġ Mandat Esekuttiv a bażi tat-titolu eżekuttiv.

Fil-każ in eżami, apparte l-fatt li Marvic Spiteri, Assistent Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali, xehdet li mis-sistema diġitali tal-Qorti ma jirriżultax li l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 3276/2011 ġie reż eżekuttiv ai termini tal-Liġi, is-soċjetà Rikorrenti ma resqet l-ebda prova biex turi li tali Mandat ġie reż eżekuttiv jew li għandha Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv ottenut fil-konfront tar-Rikorrent.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk, tħares minn fejn tħares lejn il-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 3276/2011, għandu jirriżulta li l-istess illum ma għadux in vigore ai termini tal-Liġi u bħala tali għandu jiġi revokat ai termini ta' l-Artikolu 836(1)(a) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ir-Rikorrent jitlob ukoll li l-Qorti tikkundanna lis-soċjetà intimata tħallsu d-danni sofferit minnu b'konsegwenza tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju in kwistjoni, kif ukoll l-imgħaxijiet.

Għalkemm ir-Rikorrent ma jiċċitax disposizzjoni tal-Liġi espressa in sostenn tat-talba tiegħu, huwa evidenti li hawn japplika dak provdut fl-Artikolu 836(9) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta: *Fil-każijiet li jaqgħu taħt is-subartikolu ta' qabel dan, il-qorti tista', meta jsirilha rikors mill-persuna li kontriha jkun inħareġ l-att kawtelatorju, tikkundanna lir-rikorrent li fuq talba tiegħu jkun inħareġ il-mandat kawtelatorju sabiex iħallas dawk id-danni lil dik il-persuna li hija setgħet ġarrbet bil-ħruġ tal-mandat, u f'kawżi bħal dawk il-qorti għandha tara u tuża l-iskritturi tal-proċedimenti ta' l-att kawtelatorju u ta' kull proċediment ieħor li joħroġ jew jitnissel minnu, u dawk l-iskritturi għandhom jitqiesu bħala prova ammissibbli għall-finijiet ta' din l-azzjoni.*

Il-każijiet imsemmija fis-subartikolu (8) ta' l-Artikolu 836 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta - li huwa appuntu s-subartikolu li għalih issir referenza fid-disposizzjoni tal-Liġi appena ċitata - huma s-segwenti: *(a) jekk ir-rikorrent, mingħajr raġuni valida, ma jagħmilx il-kawża dwar it-talba fiż-żmien stabbilit bil-liġi; (b) jekk, fit-talba tal-*

*konvenut għat-tneħħija ta' l-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiġġustifika li l-att kawtelatorju kellu jinħareġ jew illi fi żmien ħmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors għall-ħruġ ta' l-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jħallas id-dejn, jew, jekk id-dejn ma jkunx wieħed likwidu, sabiex jipprovdi sigurtà biżżejjed: Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma għandhomx japplikaw meta jintwera li kien hemm raġunijiet ta' urġenza għall-ħruġ tal-mandat; (ċ) jekk iċ-ċirkostanzi tad-debitur kienu tali li ma jagħtux lok għal xi dubju raġonevoli dwar il-likwidità tiegħu u dwar il-kapaċità finanzjajrja tiegħu li jħallas it-talbiet tar-rikorrent, u din il-qagħda tad-debitur kienet magħrufa sew; (d) jekk it-talba tar-rikorrent tkun waħda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja.*

Minkejja dak li rriżulta iktar 'l fuq, ossia li s-soċjetà intimata naqset milli tirrendi l-Ittra Uffiċjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta bin-Numru 4219/2011 titolu eżekuttiv ai termini ta' l-Artikolu 166B tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta jew milli taġixxi ai termini ta' l-Artikolu 833A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta entro t-termini hemm previsti, u per konsegwenza naqset milli tirrendi l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 3276/2011 eżekuttiv, il-Qorti tqis li t-talba tar-Rikorrent għal-likwidazzjoni ta' danni minnu sofferti u konsegwenti kundanna ħlas ta' tali danni u imgħaxijiet, ma tistax tiġi milqugħa u dana għar-raġuni sempliċi illi r-Rikorrent ma ressaq assolutament l-ebda prova dwar x'danni seta' sofra minħabba l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 3276/2011 maħruġ fil-konfront tiegħu.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talba tar-Rikorrent għar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 3276/2011 ai termini ta' l-Artikolu 836(1)(a) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta u dana billi is-soċjetà intimata naqset milli tirrendi l-Ittra Uffiċjali ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta bin-Numru 4219/2011 titolu eżekuttiv ai termini ta' l-Artikolu 166B tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta jew li taġixxi ai termini ta' l-Artikolu 833A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, entro t-terminu ta' sittin ġurnata mid-data tal-ħruġ ta' l-imsemmi Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju, u naqset ukoll milli tirrendi l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 3276/2011, eżekuttiv ai termini ta' l-Artikolu 838B tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, **u** konsegwentement tirrevoka l-imsemmi Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 3276/2011 u tordna l-ħruġ tal-Kontro-Mandat relattiv, iżda tiċħad it-talba tar-Rikorrent għal-likwidazzjoni tad-danni a favur tiegħu u konsegwenti kundanna ħlas ta' tali danni u imgħaxijiet, u dana minħabba nuqqas ta' provi da parte ta' l-istess Rikorrent.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri u tal-Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 3276/2011, jibqgħu a karigu tas-soċjetà intimta.

**Mogħti llum 18 ta' Lulju 2024**

**MAĠISTRAT**